



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 24.10.2017
COM(2017) 650 final

ANNEX 1

ANNEX

għal

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT
TAR-REĠJUNI**

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018

Aġenda għal Ewropa aktar magħquda, aktar b'saħħitha u aktar demokratika

L-Anness I: Inizjattivi ġodda

Nru	Titolu	Deskrizzjoni ¹
Spinta ġdida għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investment		
1.	It-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari²	Dan jinkludi strateġija dwar l-użu, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-plastik (mhux leġiżlattiva; Q4 2017); proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità minimi għal ilma li jerġa' jintuża (leġiżlattiva, inkluża valutazzjoni tal-impatt; Art. 192 TFUE; Q4 2017); reviżjoni REFIT tad-Direttiva dwar l-Ilma għax-Xorb (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt; Art. 192(1) TFUE, Q4 2017); inizjattiva biex jiġu indirizzati ostakli legali, tekniċi jew prattiċi fl-interfaċċja ta' leġiżlazzjoni dwar kimiċi, prodotti u skart (mhux leġiżlattiva, Q4 2017); u qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari (mhux leġiżlattiva, Q4 2017)
2.	Qafas finanzjarju pluriennali (inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)	Proposta komprensiva għal Qafas Finanzjarju Pluriennali futur wara l-2020 (Q2 2018) segwita minn proposti għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi u riżorsi proprji ġodda (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 311 TFUE flimkien mal-bażijiet settorjali, Q2 2018)
3.	Futur Ewropew sostenibbli (inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)	Karta ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030, dwar is-segwitu tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, inkluż dwar il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima" (mhux leġiżlattiva, Q2 2018)

¹ F'dan l-Anness il-Kummissjoni tipprovi aktar informazzjoni, sakemm hija disponibbli, fuq l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tagħha, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Din l-informazzjoni li hija pprovduta f'parentesi taħt id-deskrizzjoni ta' kull inizjattiva, hija biss indikattiva u soġġetta għal tibdil matul il-proċess ta' thejġija, b'mod partikolari fid-dawl tal-eżitu ta' proċess ta' valutazzjoni tal-impatt.

² Il-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari kien diġà inkluż fl-Anness I tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017.

Nru	Titolu	Deskrizzjoni ¹
Suq Uniku Diġitali Konness		
4.	L-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali	Proposta dwar relazzjonijiet pjattaforma-negozju ġusti (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q1 2018); inizjattiva li tindirizza sfidi tal-pjattaformi online fir-rigward tat-tixrid ta' informazzjoni falza (mhux leġiżlattiva, Q1 2018); u reviżjoni tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-suq u l-valutazzjoni ta' setgħa tas-suq sinifikanti fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (mhux leġiżlattiva, Q2 2018)
Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti li jkollha Politika Progressiva dwar it-Tibdil fil-Klima		
5.	It-Tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija	Segwitu tal-aspett ta' solidarjetà tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluża proposta dwar regoli komuni għal sistemi ta' pajpijiet tal-gass li jidħlu fis-suq intern tal-gass Ewropew (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 194 TFUE, Q4 2017)
6.	Il-futur tal-politika tal-UE dwar l-enerġija u l-klima (inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)	Komunikazzjoni dwar il-futur tal-politika tal-UE dwar l-enerġija u l-klima, inkluż il-futur tat-Trattat Euratom (b'kont meħud tad-Dikjarazzjoni Nru 54 ta' ħames Stati Membri miżjuda mal-Att Finali tat-Trattat ta' Lisbona) u dwar l-użu possibbli tal-Artikolu 192(2), it-tieni subparagrafu tat-TFUE (mhux leġiżlattiva, Q2 2018)
Suq Intern Aktar Ġust u Aktar Profond b'Bażi Industrijali Msaħħa		
7.	Tassazzjoni ġusta fl-ekonomija diġitali	Proposta li tistabbilixxi regoli fil-livell tal-UE li jippermettu t-tassazzjoni ta' profitti ġġenerati minn kumpaniji multinazzjonali permezz tal-ekonomija diġitali (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 113, 115 TFUE, Q1 2018)

Nru	Titolu	Deskrizzjoni ¹
8.	Il-pakkett ta' ġustizzja soċjali	Proposta għat-twaqqif ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol (leġislattiva; Q2 2018); inizjattiva dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom atipiċi (leġislattiva/mhux leġislattiva, Art. 153–155, 352 TFUE, Q2 2018); u inizjattiva dwar Numru tas-Sigurtà Soċjali Ewropew li jista' jintużaw f'firxa ta' oqsma ta' politika fejn xieraq (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Q2 2018); reviżjoni tar-REFIT tad-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub li tistabbilixxi l-obbligu ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjeg (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt/mhux leġislattiva, Art. 153, 154, TFUE, Q4 2017)
9.	Katina tal-provvista tal-ikel tal-UE	Proposta biex ikun hemm titjib fil-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 42 u 43 TFUE, Q1 2018)
10.	It-Tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali	Qafas rivedut għal ditti ta' investiment (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q4/2017); Pjan ta' Azzjoni dwar finanzi sostenibbli b'miżuri regolatorji (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt/mhux leġislattiva, Q1 2018); inizjattiva dwar Teknoloġija Finanzjarja (FinTech) (mhux leġislattiva, Q1 2018); proposta għal qafas tal-UE dwar finanzi tal-massa u finanzi bejn il-pari (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt; Art. 114 TFUE; Q1 2018); qafas ta' abilitazzjoni Ewropew għal bonds koperti (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q1 2018); u inizjattiva REFIT dwar tnaqqis tal-ostakli għad-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investiment alternattivi u UCITS (leġislattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q1 2018)
11.	Tfassil tal-liġi dwar is-Suq uniku aktar effiċjenti (inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)	Komunikazzjoni dwar il-possibiltà ta' aktar tishiġ tal-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u tal-proċedura leġislattiva ordinarja fi kwistjonijiet relatati mas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 48(7) TUE (mhux leġislattiva, Q3 2018)
Unjoni Ekonomika u Monetarja Aktar Profonda u Aktar Ġusta		

Nru	Titolu	Deskrizzjoni ¹
12.	Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja	Proposti għat-trasformazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà f'Fond Monetarju Ewropew fi ħdan il-liġi tal-UE (leġiżlattiva, Q4 2017); il-ħolqien ta' linja tal-baġit iddedikata għaż-żona tal-Euro fi ħdan il-baġit tal-UE li ttipprovdi għal erba' funzjonijiet: (1) assistenza għar-riforma strutturali, (2) funzjoni ta' stabbilizzazzjoni, (3) garanzija ta' kontinġenza għall-Unjoni Bankarja, u (4) strument ta' konverġenza biex tingħata l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni lil Stati Membri fi triqithom lejn sħubija fiż-żona tal-euro (mhux leġiżlattiva, Q4 2017); u l-integrazzjoni tas-sustanza tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja fil-liġi tal-UE, filwaqt li titqies il-flessibbiltà inkorporata fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u identifikata mill-Kummissjoni sa minn Jannar 2015 (leġiżlattiva, Q4 2017)
13.	It-Tlestija tal-Unjoni Bankarja	Proposti dwar l-iżvilupp ta' swieq sekondarji għal self mhux produttiv (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q1 2018); il-protezzjoni ta' kredituri garantiti minn inadempjenza tal-mutwatarji tan-negozju (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q1 2018); qafas ta' abilitazzjoni Ewropew għall-iżvilupp ta' Titoli Garantiti b'bonds tal-Gvern tal-UE (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q1 2018)
14.	Il-ħolqien ta' Ministru Ewropew għall-Ekonomija u l-Finanzi permanenti u responsabbli (<i>inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025</i>)	Komunikazzjoni dwar il-ħolqien possibbli ta' Ministru Ewropew għall-Ekonomija u l-Finanzi permanenti li jkun demokratikament responsabbli (mhux leġiżlattiva, Q4 2017)
Il-Kummerċ: Politika tal-kummerċ ibbilanċjata u progressiva għall-immaniġġjar tal-globalizzazzjoni		
15.	Implimentazzjoni tal-Istrateġija Kummerċ għal Kulħadd	Tiffinalizza ftehimiet mal-Ġappun, Singapore u l-Vjetnam, issegwi negozjati mal-Messiku u l-Mercosur u tavvanza n-negozjati mal-Awstralja u New Zealand ladarba l-Kunsill ikun approva l-mandati rakkomandati mill-Kummissjoni
Żona ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali Bbażata fuq il-Fiduċja Reċiproka		

Nru	Titolu	Deskrizzjoni ¹
16.	It-Tlestija tal-Unjoni tas-Sigurtà	L-implimentazzjoni tal-aġenda tal-Unjoni tas-Sigurtà u t-tmexxija 'l quddiem tal-ġlieda kontra t-terroriżmu: proposti li jippermettu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà , il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt; Art. 74, 77, 79, 85, 87, 88; Q4 2017); proposta biex jittejjeb l-aċċess transfruntiera tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal evidenza elettronika (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 82 TFUE, Q1 2018); reviżjoni tar-REFIT tar-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 114 TFUE, Q2 2018); inizjattivi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess transfruntiera u l-użu ta' dejta finanzjarja minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt/mhux leġiżlattiv, Q2 2018)
17.	Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili komplet b'kapaċitajiet operattivi proprji (leġiżlattiva, Art. 196 TFUE, Q4 2017)
18.	L-estensjoni tal-kompiti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew il-ġdid (<i>inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025</i>)	Komunikazzjoni dwar estensjoni possibbli tal-kompiti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jinkludi l-ġlieda kontra t-terroriżmu, abbażi tal-Artikolu 86(4) TFUE (mhux leġiżlattiva, Q3 2018)
19.	L-istat tad-dritt (<i>inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025</i>)	Inizjattiva biex issaħħaħ l-infurzar tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea (mhux leġiżlattiva, Q4 2018)
Lejn Politika Ġdida dwar il-Migrazzjoni		
20.	Implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE dwar il-Migrazzjoni	Reviżjoni tal-kodiċi komuni dwar il-Viżi (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Art. 77 TFUE, Q1 2018); Reviżjoni REFIT tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt; Art. 77 u 87 TFUE, Q2 2018); ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Immigrazzjoni (leġiżlattiva, inkluż valutazzjoni tal-impatt, Q2 2018)

Nru	Titolu	Deskrizzjoni ¹
Attur Globali Aktar b'Saħħtu		
21.	Twettiq tal-Istrateġija Globali	Inkluż strateġija tal-UE dwar konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja; sħubija mgiedda mal-Amerika Latina u l-Karibew; u oqfsa ġodda għall-involvement mal-Indja, l-Iran u l-Iraq (mhux leġiżlattiva, Q1 u Q2 2018)
22.	Perspettiva ta' tkabbir kredibbli <i>(inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)</i>	Strateġija għall-adeżjoni mal-UE b'suċċess tas-Serbja u tal-Montenegro bħala kandidati ewlenin fil-Balkani tal-Punent, b'enfasi partikolari fuq l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u fuq l-istabbiltà ġenerali tar-reġjun (mhux leġiżlattiva, Q1 2018)
23.	Aktar effiċjenza u konsistenza fl-implimentazzjoni tal-Politika Barranija Komuni <i>(inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)</i>	Komunikazzjoni dwar il-possibbiltà ta' aktar titjib fl-użu ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Politika Barranija Komuni, fuq il-bażi tal-Artikolu 31(3)TUE, kif ukoll dwar it-tishiġ tal-konsistenza tal-Politika Barranija Komuni (mhux leġiżlattiva, Q3 2018)
Unjoni ta' Tibdil Demokratiku		
24.	Nikkomunikaw l-Ewropa	Komunikazzjoni dwar kif l-Unjoni tista' ssir aktar magħquda, aktar b'saħħitha u aktar demokratika f'termini ta' komunikazzjoni (mhux leġiżlattiva, Q2 2018)
25.	Naħdmu anqas iżda b'mod aktar effiċjenti <i>(inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)</i>	Komunikazzjoni dwar aktar tisħiħ tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tar-regolamentazzjoni aħjar fit-tħaddim ta' kuljum tal-Unjoni Ewropea (mhux leġiżlattiva, Q3 2018)
26.	Ewropa aktar effiċjenti u demokratika <i>(inizjattiva li għandha tiġi mnedija b'perspettiva għall-2025)</i>	Komunikazzjoni dwar għażliet għal titjib fl-effiċjenza fit-tmexxija tal-Unjoni Ewropea (mhux leġiżlattiva, Q3 2018)